DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2023/367 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-19 ta' Jannar 2023

dwar il-prorogazzjoni tat-tul tal-mandat tal-Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Konferenza tal-Presidenti,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 226 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2022/480 tiegħu tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2022 dwar it-twaqqif ta' kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti, u d-definizzjoni tas-suġġett tal-inkjesta, kif ukoll ir-responsabbiltajiet, il-kompożizzjoni numerika u l-mandat tal-Kumitat ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 208(11) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kumitat ta' Inkjesta talab li jiġi prorogat it-tul tal-mandat tiegħu sabiex ikun jista' jwettaq b'mod sħiħ u korrett il-mandat tiegħu;

1. Jiddeċiedi li jipproroga b'perjodu ta' tliet xhur it-tul tal-mandat tal-Kumitat ta' Inkjesta.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
R. METSOLA

([1]) ĠU L 113, 19.5.1995, p. 1.
([2]) ĠU L L 98, 25.3.2022, p. 72.